SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża)

13 ta' Novembru 2024*

"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Swieq Ġermaniżi tas-servizzi televiżivi u tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Impenji – Evalwazzjoni tal-effetti orizzontali u vertikali tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni – Relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Bidla speċifika għall-konċentrazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni"

Fil-Kawża T-69/20,

Tele Columbus AG, stabbilita f'Berlin (il-Ġermanja), irrappreżentata minn C. Wagner u J. Hackl, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Conte, A. Keidel, J. Szczodrowski u C. Vollrath, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Vodafone Group plc, stabbilita fi Newbury (Ir-Renju Unit), irrappreżentata minn V. Vollmann, solicitor, C. Jeffs, A. Chadd u D. Seeliger, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża),

komposta minn M. van der Woude, President, R. da Silva Passos (Relatur), I. Reine, L. Truchot u M. Sampol Pucurull, Imħallfin,

Reġistratur: S. Jund, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tat-22 ta' Settembru 2023,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Tele Columbus AG, titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5187 final tat-18 ta' Lulju 2019 li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE l-konċentrazzjoni intiża għall-akkwist minn Vodafone Group plc ta' ċerti assi ta' Liberty Global plc (Każ COMP/M.8864 – Vodafone/Certain Liberty Global Assets (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

[*omissis*]

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

[*omissis*]

48 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

49 Il-Kummissjoni u Vodafone jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

[*omissis*]

B. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq irregolaritajiet ta' proċedura fil-kuntest tal-eżami tal-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq MDU

[*omissis*]

2. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni li jaffettwa l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kompetizzjoni diretta bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni

[*omissis*]

82 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li teżisti kompetizzjoni diretta bejn impriżi meta dawn jikkompetu għall-istess klijenti.

[1] Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

83 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li n-netwerks tal-kejbil tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jikkoinċidux u li, fil-fatt, meta klijent MDU jkun jixtieq jikkonkludi kuntratt ma' fornitur ta' sinjali tat-televiżjoni, bħala prinċipju huwa jkollu biss il-possibbiltà li jagħżel bejn il-parti fil-konċentrazzjoni li fil-cable footprint tagħha tinsab il-proprjetà immobbli li għandha tiġi konnessa u wieħed mill-kompetituri tagħha, bħar-rikorrenti. Il-fatt li s-suq MDU kien, qabel il-konċentrazzjoni, ta' portata nazzjonali jew li kien ġie limitat għall-cable footprints tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jbiddel xejn minn dan, peress li, fiż-żewġ każijiet, din il-konstatazzjoni tapplika.

84 Minn dan jirriżulta li Unitymedia ma tistax validament tiġi kklassifikata bħala "fornitur alternattiv" għall-kumpanniji ta' akkomodazzjoni fis-suq MDU, li l-konċentrazzjoni tkun telimina, bħalma ssostni r-rikorrenti. Minn dan jirriżulta wkoll li l-prodotti kkummerċjalizzati mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux, fil-prattika, f'kompetizzjoni, u dan irrispettivament mid-delimitazzjoni ġeografika tas-suq MDU, b'tali mod li l-ewwel parti ta' dan il-motiv ma tistax tintlaqa'.

85 L-argumenti l-oħrajn imressqa mir-rikorrenti ma jippermettux li jintwera l-kuntrarju.

86 Fir-rigward, qabelxejn, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-attivitajiet tal-partijiet fil-konċentrazzjoni jikkoinċidu, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm ma teżisti ebda koinċidenza bejn in-netwerks tal-kejbil ta' Vodafone u ta' Unitymedia, aspett li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, huwa minnu li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li madankollu kienu jeżistu ċerti sovrappożizzjonijiet bejn l-attivitajiet tagħhom, peress li dawn l-operaturi jixtru, f'dan il-każ, servizzi intermedjarji ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni mingħand il-parti l-oħra jew minn operatur ieħor tan-netwerk ta' livell 3 sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-klijenti MDU kkonċernati.

87 Issa, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm hija tikkontesta n-natura negliġibbli tagħhom, ir-rikorrenti ma tikkontestax iċ-ċifri, bħala tali, żvelati mill-Kummissjoni matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali dwar il-kuntratti konklużi mill-partijiet fil-konċentrazzjoni barra mill-cable footprint tagħhom u n-numru ta' klijenti kkonċernati. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dawn iċ-ċifri juru li dawn il-kuntratti kienu jirrappreżentaw numru limitat ħafna ta' klijenti MDU f'termini ta' djar konnessi u ta' sehem mis-suq, peress li inqas minn 1 %, tant negliġibbli li ma jistax jirrappreżenta kompetizzjoni residwa li għandha tiġi protetta.

88 Sussegwentement, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-istrateġija kummerċjali tal-partijiet fil-konċentrazzjoni tista' tevolvi, b'tali mod li huma jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-attivitajiet tagħhom barra mill-cable footprints rispettivi tagħhom, għandu jiġi kkonstatat li tali affermazzjoni tirrigwarda l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali, iktar milli allegata kompetizzjoni diretta eżistenti, li jagħmilha ineffettiva fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan il-motiv.

89 L-istess japplika f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-kumulu tal-ishma tas-suq u tal-valur tal-indiċju Herfindahl-Hirschman fis-suq MDU, iddefinit bħala ta' portata nazzjonali, ikun għoli ħafna, peress li din id-data ma tistax turi l-eżistenza ta' kompetizzjoni diretta bejn żewġ partijiet għal konċentrazzjoni qabel tali konċentrazzjoni. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-indiċju Herfindahl-Hirschman, li huwa ugwali għas-somma tal-kwadrati tal-ishma tas-suq ta' kull waħda mill-impriżi preżenti fis-suq, għandu jiġi kkonstatat li dan jintuża sabiex jiġu mkejla l-livelli ta' konċentrazzjoni f'suq u li dan seta' jagħti l-ewwel indikazzjoni tal-pressjonijiet

kompetittivi li jiġu eżerċitati wara l-konċentrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2013, Spar Österreichische Warenhandels vs Il-Kummissjoni, T-405/08, mhux ippubblikata, EU:T:2013:306, punt 65).

90 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni, b'mod manifestament żbaljat, ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux kompetituri diretti qabel din il-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, l-ewwel parti ta' dan il-motiv għandha tiġi miċħuda.

3. Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni li jaffettwa l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kompetizzjoni indiretta bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni

[*omissis*]

103 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li impriżi li ma jipparteċipawx f'kompetizzjoni diretta jistgħu madankollu jsibu ruħhom f'kompetizzjoni indiretta bejniethom, b'mod partikolari meta jkunu suġġetti għal pressjonijiet kompetittivi simili min-naħa ta' impriżi oħra li kull waħda minnhom hija f'kompetizzjoni diretta magħhom jew meta fatturi oħra, bħalma huma r-rekwiżiti imposti mill-klijenti, jillimitaw b'mod paragunabbli l-possibbiltajiet tagħhom li jiffissaw il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet kummerċjali tagħhom.

104 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-argument tar-rikorrenti, deskritt, essenzjalment, fil-punti 98 sa 101 iktar 'il fuq, huwa ġenerali ħafna, ma huwa sostnut minn ebda prova u huwa bbażat fuq allegazzjonijiet vagi, li ma huwiex biżżejjed sabiex jiġu kkontestati l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni. L-uniku argument konkret huwa dak ibbażat fuq il-prezzijiet u fuq il-karatteristiċi tal-offerti offruti bħala pakkett għall-internet u għat-telefon. Issa, peress li dawn jikkonċernaw swieq oħra, il-prezzijiet u l-karatteristiċi tal-offerti msemmija mir-rikorrenti ma humiex rilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kompetizzjoni indiretta fis-suq MDU, li tikkonċerna t-trażmissjoni tas-sinjal tat-televiżjoni.

105 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni kkontestata (ara, b'mod partikolari, il-premessa 697 tad-deċiżjoni kkontestata), li r-rikorrenti ma tikkontestax, isegwi li diversi kuntratti ma' klijenti MDU huma r-riżultat ta' negozjati, ta' sejħiet għal offerti jew ta' proċeduri formali ta' sejħa għal offerti, bħala prinċipju sigrieti. Il-kuntratti konklużi mill-partijiet fil-konċentrazzjoni mal-klijenti MDU tagħhom għalhekk ma humiex kuntratti standard, li l-kundizzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu influwenzati minn dak li toffri l-parti l-oħra fil-cable footprint tagħha jew minn ċerti operaturi attivi fuq livell nazzjonali, kuntrarjament għall-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti.

106 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat, minn naħa, li l-eżami tad-dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kien ipprovda ebda element li jissuġġerixxi li l-imsemmija partijiet kienu jieħdu inkunsiderazzjoni t-termini u l-kundizzjonijiet rispettivi matul in-negozjati tagħhom dwar il-kuntratti MDU u, min-naħa l-oħra, li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu ppreżentaw elementi konvinċenti sabiex jikkontestaw l-allinjament tal-kuntratti MDU fit-territorju Ġermaniż kollu. Il-fatt li r-rikorrenti ma tqisx li dawn il-konstatazzjonijiet huma "plawżibbli" ma huwiex biżżejjed sabiex dawn jiġu kkontestati.

107 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni, b'mod manifestament żbaljat, ikkonkludiet fid-deċiżjoni kkontestata li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux kompetituri indiretti.

108 Sa fejn ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li l-konċentrazzjoni ma twassalx għat-telf ta' kwalunkwe kompetizzjoni indiretta, dan l-ilment għandu jiġi miċħud mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi evalwat jekk hija wettqitx żball meta qieset li l-kompetizzjoni indiretta kellha tkun partikolarment b'saħħitha jew li kienet neċessarja trażmissjoni sistematika tal-kundizzjonijiet.

109 Għaldaqstant, ir-raba' parti ta' dan il-motiv għandha tiġi miċħuda.

4. Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni

[*omissis*]

b) Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni, sa fejn din tal-aħħar ibbażat ruħha esklużivament fuq il-kriterji suġġettivi ta' investiment u fuq dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni

[*omissis*]

139 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżami tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huwa bbażat mhux biss fuq il-kompetizzjoni attwali li teżisti bejn l-impriżi li huma diġà preżenti fis-suq inkwistjoni, iżda wkoll fuq il-kompetizzjoni potenzjali, sabiex jkun magħruf jekk, fid-dawl tal-istruttura tas-suq u tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jirregola l-funzjonament tiegħu, jeżistux possibbiltajiet reali u konkreti li l-impriżi kkonċernati jikkompetu bejniethom, jew li kompetitur ġdid ikun jista' jidħol fis-suq inkwistjoni u jikkompeti mal-impriżi diġà stabbiliti (ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, easyJet vs Il-Kummissjoni, T-177/04, EU:T:2006:187, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

140 Sabiex jiġi vverifikat jekk impriża tikkostitwixxix kompetitur potenzjali f'suq, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tivverifika jekk, fl-assenza tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, kinux jeżistu possibbiltajiet reali u konkreti li din l-impriża tidħol fl-imsemmi suq u tikkompeti mal-impriżi li kienu stabbiliti fih. Tali prova ma għandhiex tistrieħ fuq sempliċi ipoteżi, iżda għandha tiġi ssostanzjata permezz ta' punti ta' fatt jew analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti. Għalhekk, impriża ma tistax tiġi kklassifikata bħala kompetitur potenzjali jekk id-dħul tagħha fis-suq ma jikkorrispondix għal strateġija ekonomika vijabbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2012, E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, T-360/09, EU:T:2012:332, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

141 Barra minn hekk, il-vijabbiltà ekonomika ta' strateġija ta' dħul fis-suq ma tistax tiġi assimilata mas-sempliċi profittabbiltà ta' tali strateġija. Kieku dan kien il-każ, sempliċi kapaċità teoretika ta' dħul f'suq tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-interess kummerċjali jew ekonomiku ta' dħul f'suq tal-impriża li l-kwalità tagħha bħala kompetitur potenzjali hija analizzat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2005, EDP vs Il-Kummissjoni, T-87/05, EU:T:2005:333, punti 177, 185, 187, 188, 191 u 195, u tal-4 ta' Lulju 2006, easyJet vs Il-Kummissjoni, T-177/04, EU:T:2006:187, punt 123) u, għaldaqstant, tibbaża ruħha fuq il-kriterji ta' investiment tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax

tikklassifika impriża bħala kompetitur potenzjali abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ġenerali u astratti mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi kummerċjali ta' din l-impriża, l-istrateġija tagħha ta' żvilupp għal żmien qasir u medju kif ukoll il-kriterji ta' profittabbiltà li hija stabbilixxiet għal dan l-għan.

142 Minn dan isegwi li meta l-Kummissjoni tikkonstata, l-ewwel, li l-impriża kkonċernata ma tkun wettqet ebda pass sabiex tidħol fis-suq f'terminu ta' żmien sufiċjentement qasir ikkalkolat fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq, it-tieni, li l-imsemmija impriża ma tikkunsidrax li huwa ekonomikament razzjonali u interessanti għaliha li tidħol fis-suq u għalhekk, it-tielet, li l-imsemmija impriża ma għandhiex l-intenzjoni li tidħol fis-suq fil-futur b'mod sinjifikattiv, hija tista', mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tikkonkludi li l-impriża inkwistjoni ma hijiex kompetitur potenzjali tal-parti l-oħra fil-konċentrazzjoni. Tali konstatazzjoni hija biżżejjed sabiex jiġi miċħud l-ewwel ilment tar-rikorrenti, li jgħid li l-Kummissjoni f'dan il-każ injorat il-kriterji rilevanti sabiex teżamina l-kompetizzjoni potenzjali billi bbażat ruħha kważi esklużivament fuq il-kriterji suġġettivi ta' investiment u fuq dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni.

143 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-kriterji ta' investiment tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, peress li dawn setgħu jiġu mmodifikati fi kwalunkwe mument, jew anki mmanipulati, u li ma jikkorrispondux mal-prattika tas-settur, għandu jitfakkar li l-vijabbiltà ekonomika ta' strateġija ta' dħul fis-suq ma tistax tiġi assimilata mal-profittabbiltà ta' tali strateġija u li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq l-interess kummerċjali jew ekonomiku li tidħol f'suq tal-impriża li l-kwalità tagħha bħala kompetitur potenzjali hija analizzata (ara l-punti 140 u 141 iktar 'il fuq) u, għaldaqstant, fuq il-kriterji ta' investiment tagħha.

144 Barra minn hekk, fid-dawl tar-rekwiżit ta' ħeffa u tat-termini stretti imposti fuq il-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet, hija ma tistax, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet li juru l-ineżattezza tal-informazzjoni pprovduta, tkun marbuta li twettaq verifiki fir-rigward tal-informazzjoni kollha li hija tirċievi. Fil-fatt, minkejja li l-obbligu ta' eżami diliġenti u imparzjali li huwa impost fuq il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' tali proċedura, ma jippermettilhiex tibbaża ruħha fuq elementi jew fuq informazzjoni li ma jistgħux jitqiesu bħala veri, l-imsemmi rekwiżit ta' ħeffa jippreżupponi, madankollu, li hija ma tistax tivverifika waħedha, fl-iċken dettall, l-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-komunikazzjonijiet kollha mibgħuta lilha, sa fejn il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet tistrieħ neċessarjament u sa ċertu punt fuq il-fiduċja (sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, NVV *et* vs Il-Kummissjoni, T-151/05, EU:T:2009:144, punt 184).

145 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li diversi miżuri intiżi sabiex jiskoraġġixxu u jikkastigaw it-trażmissjoni ta' informazzjoni ineżatta jew qarrieqa huma previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-kontroll tal-konċentrazzjonijiet. Fil-fatt, il-partijiet li jinnotifikaw konċentrazzjoni huma suġġetti, skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 802/2004, għall-obbligu espress li jipprovdu lill-Kummissjoni b'mod reali u komplet il-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti għad-deċiżjoni ta' kompatibbiltà, liema obbligu huwa stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' wkoll tirrevoka, abbażi tal-Artikolu 6(3)(a) u tal-Artikolu 8(6)(a) tar-Regolament Nru 139/2004, id-deċiżjoni ta' kompatibbiltà jekk din tkun ibbażata fuq indikazzjonijiet ineżatti li waħda mill-impriżi kkonċernati hija responsabbli għalihom jew jekk din tkun inkisbet b'qerq (sentenza tas-7 ta' Mejju 2009, NVV *et* vs Il-Kummissjoni, T-151/05, EU:T:2009:144, punt 185).

146 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li mill-premessa 742 u min-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 553 tad-deċiżjoni kkontestata jsegwi, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni vverifikat il-projezzjonijiet magħmula mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, li fil-kuntest tagħhom dawn tal-aħħar eżaminaw il-profittabbiltà, fid-dawl tal-kriterji ta' investiment tagħhom, ta' diversi proġetti ta' installazzjoni ta' infrastruttura, u kkunsidrat li r-riżultati tagħhom kienu suffiċjentement robusti u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha biss fuq il-kriterji ta' investiment tal-partijiet fil-konċentrazzjoni sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm kompetizzjoni potenzjali bejniethom, iżda li hija ħadet inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-fatt li, fil-prattika, la Vodafone u lanqas Unitymedia ma kienu rduppjaw in-netwerk bil-kejbil tal-parti l-oħra u li dawn il-partijiet kienu estendew b'mod negliġibbli biss in-netwerk tagħhom fi ħdan il-cable footprint rispettiv tagħhom, minkejja li tali estensjoni interna kienet iktar profittabbli.

147 Dan it-tieni lment tar-rikorrenti dwar l-affidabbiltà tal-kriterji ta' investiment tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jistax, għaldaqstant, jintlaqa'.

148 Fit-tielet lok, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2011 fil-Każ M.5900 – LGI/KBW, imsemmija mir-rikorrenti, għandu jiġi ppreċiżat li, f'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni bagħtet lura l-konċentrazzjoni li kienet ġiet innotifikata lilha u li kienet tirrigwarda l-akkwist ta' KBW minn LGI lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, konformement mal-Artikolu 9(3)(b) tar-Regolament Nru 139/2004, wara li kkonstatat li l-kundizzjonijiet għal rinviju skont l-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ssodisfatti. Issa, f'tali deċiżjoni tar-rinviju, il-Kummissjoni ma tiddeċidix dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni, T-119/02, EU:T:2003:101, punt 275, u tat-30 ta' Settembru 2003, Cableuropa *et* vs Il-Kummissjoni, T-346/02 u T-347/02, EU:T:2003:256, punt 52). Fil-fatt, din it-tip ta' deċiżjoni ma għandhiex l-għan li tagħti deċiżjoni fuq l-effetti tal-konċentrazzjoni fuq is-swieq ikkonċernati li huma s-suġġett tar-rinviju, iżda li tittrasferixxi r-responsabbiltà ta' dan l-eżami lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jagħmlu talba sabiex dawn jiddeċiedu skont id-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni, T-119/02, EU:T:2003:101, punt 276, u tat-30 ta' Settembru 2003, Cableuropa *et* vs Il-Kummissjoni, T-346/02 u T-347/02, EU:T:2003:256, punt 53).

149 Barra minn hekk, f'deċiżjoni ta' rinviju, il-Kummissjoni ma tistax, sabiex il-mekkaniżmu ma titneħħilux is-sustanza tiegħu, twettaq eżami tal-kompatibbiltà tal-konċentrazzjoni ta' natura li jorbot lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati fil-mertu, iżda hija għandha tillimita ruħha li tivverifika, wara eżami *prima facie*, jekk, abbażi tal-provi li hija għandha fil-mument tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tat-talba għal rinviju, il-konċentrazzjoni kkonċernata tipperikolax li toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti fis-swieq ikkonċernati (ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Cableuropa *et* vs Il-Kummissjoni, T-346/02 u T-347/02, EU:T:2003:256, punt 217 u l-ġurisprudenza ċċitata).

150 Għaldaqstant, għandu jitqies li, fid-deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2011 fil-każ M.5900 – LGI/KBW, il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda evalwazzjoni definittiva dwar l-eżistenza eventwali ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni. Barra minn hekk, din l-evalwazzjoni hija kkonfermata mill-formuli ipotetiċi użati f'dik id-deċiżjoni.

151 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li tali affermazzjoni tar-rikorrenti dwar il-każ M.5900 – LGI/KBW hija eżatta, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta, fi kwalunkwe każ, mill-prassi preċedenti tagħha. Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi

fuq il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern abbażi ta' notifika u ta' fajl rispettivi għal din il-konċentrazzjoni, rikorrent ma jkollux id-dritt li jikkontesta l-konstatazzjonijiet tagħha għar-raġuni li dawn ikunu differenti minn dawk li jkunu saru preċedentement f'każ ieħor, abbażi ta' notifika u ta' fajl differenti, anki jekk is-swieq inkwistjoni fiż-żewġ każijiet ikunu simili, jew saħansitra identiċi (sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, EU:T:2005:456, punt 118, u tat-13 ta' Mejju 2015, Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni, T-162/10, EU:T:2015:283, punt 142).

152 Fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Awtorità Federali Kompetenti fil-Qasam tal-Kompetizzjoni invokati mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tat-tqassim preċiż tal-kompetenzi li fuqu huwa bbażat ir-Regolament Nru 139/2004, id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċeduri ta' kontroll tal-konċentrazzjonijet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, C-202/06 P, EU:C:2007:814, punt 56, u tas-7 ta' Mejju 2009, NVV *et* vs Il-Kummissjoni, T-151/05, EU:T:2009:144, punt 139), *a fortiori* meta dawn jikkonċernaw il-partijiet f'konċentrazzjoni oħra u f'perijodu ieħor.

153 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta ħadet inkunsiderazzjoni l-kriterji ta' investiment u d-dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, sabiex tiddetermina jekk dawn kellhomx jiġu kkunsidrati bħala kompetituri potenzjali jew le.

c) Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni, inkwantu din tal-aħħar ma ħaditx elementi oħra inkunsiderazzjoni biżżejjed

[*omissis*]

160 F'dan ir-rigward, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-opinjoni tal-impriżi diġà attivi fis-suq inkwistjoni, espressa matul l-investigazzjoni tas-suq, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni għandha dritt teħodha inkunsiderazzjoni. Madankollu, dan il-kriterju ma jistax ikun deċiżiv sabiex issir evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali.

161 Fil-fatt, għalkemm l-opinjoni tal-kompetituri tista' tikkostitwixxi sors importanti ta' informazzjoni fuq l-impatt prevedibbli ta' konċentrazzjoni fis-suq, din ma tistax torbot lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni awtonoma tagħha tal-impatt tal-konċentrazzjoni f'dan is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Marzu 1999, Gencor vs Il-Kummissjoni, T-102/96, EU:T:1999:65, punti 290 u 291, u tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 673 (mhux ippubblikata)).

162 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li mill-premessi 727, 728, 752 u 753 tad-deċiżjoni kkontestata jsegwi li l-Kummissjoni effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-operaturi kompetituri, peress li minn dawn il-premessi jirriżulta li hija wettqet eżami fil-fond tal-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, b'mod partikolari minħabba l-osservazzjonijiet ifformulati minnhom.

163 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu diġà attivi fil-cable footprint tal-parti l-oħra, li Vodafone kienet diġà tagħmel investimenti fil-cable footprint ta' Unitymedia jew li dawn il-partijiet kienu jissorveljaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom, għandu jiġi rrilevat li dawn l-elementi jirrigwardaw l-eżistenza allegata ta' kompetizzjoni diretta jew indiretta reali, aspett li jirrendi tali allegazzjoni ineffettiva fil-kuntest ta' din il-parti li tirrigwarda

l-kompetizzjoni potenzjali. Fi kwalunkwe każ, mill-eżami tal-ewwel u tat-tieni parti iktar 'il fuq isegwi li huwa mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni setgħet tikkonkludi, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-partijiet fil-konċentrazzjoni la kienu, fis-suq MDU, kompetituri diretti u lanqas kompetituri indiretti.

164 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

165 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni, wara li kkonstatat li operaturi iżgħar kienu jwettqu investimenti barra miż-żoni ta' kopertura tagħhom, kellha tikkunsidra li Vodafone u Unitymedia kienu wkoll f'pożizzjoni li jagħmlu dan, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni spjegat, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-raġunijiet li għalihom dawn l-istrateġiji ma kinux applikabbli għall-partijiet fil-konċentrazzjoni.

166 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-każ tar-rikorrenti, il-provi ppreżentati fil-premessa 744(a) u fil-premessi 797 sa 799 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma humiex ikkontestati bħala tali mir-rikorrenti, jindikaw li din tal-aħħar ma kinitx verament wettqet duplikazzjoni tan-netwerk bil-cable fis-snin li ppreċedew l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, il-figura 20 inkluża fil-premessa 798 tad-deċiżjoni kkontestata turi li n-numru ta' djar konnessi man-netwerk tar-rikorrenti ma kienx żdied b'mod sinjifikattiv bejn l-2012 u l-2018, ħlief minħabba l-akkwist ta' assi preeżistenti ta' kumpanniji oħra.

167 Fir-rigward ta' Deutsche Telekom, mill-premessa 744(c) tad-deċiżjoni kkontestata u mit-tweġiba ta' dan l-operatur li hija ċċitata fiha jsegwi li s-sitwazzjoni tagħha kienet differenti ħafna minn dik tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, b'mod partikolari minħabba li Deutsche Telekom diġà kellha netwerk ta' fibra ottika wiesgħa ħafna, li hija kienet tuża dan in-netwerk sabiex tipprovdi servizzi ta' aċċess għall-internet b'veloċità għolja permezz tat-teknoloġija ta' linja diġitali tal-abbonat (Digital Subscriber Line, DSL), aspett li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tikkontesta. Għaldaqstant, sabiex testendi l-offerta tagħha lil klijenti MDU għal żoni ġodda, Deutsche Telekom setgħet tibbaża ruħha fuq il-linji tagħha stess ta' fibra ottika jew fuq il-linji tal-fluss eżistenti tagħha u ġeneralment kellha bżonn tibni biss partijiet qosra tan-netwerk tal-livell 3 neċessarju.

168 Minn dan isegwi li l-każijiet ta' duplikazzjoni tan-netwerk imwettqa minn dawn l-operaturi ma jippermettux li jiġu kkontestati l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

169 Konsegwentement, it-tieni argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

170 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-infrastruttura eżistenti ta' Vodafone, b'mod partikolari fil-cable footprint ta' Unitymedia, u tal-fatt li spejjeż simili kienu neċessarji sabiex jiġi estiż network bil-kejbil, kemm jekk fi ħdan kif ukoll jekk barra l-cable footprint tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 740 tad-deċiżjoni kkontestata isegwi li l-projezzjonijiet imwettqa minn Vodafone u vverifikati mill-Kummissjoni kienu fil-fatt jieħdu inkunsiderazzjoni l-infrastrutturi eżistenti ta' dan l-operatur kif ukoll l-installazzjoni tal-5G, li madankollu ma kinux jippermettu li ssir duplikazzjoni tan-netwerk bil-kejbil suffiċjentement profittabbli.

171 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessa 737 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li d-duplikazzjoni tan-netwerk bil-cable ma kinitx globalment attraenti għal Vodafone, "b'mod partikolari meta mqabbla maż-żieda ta' djar ġodda fil-cable footprint rispettiva tagħha li kienet timplika inqas investimenti fl-infrastrutturi u li kienet toffri

opportunitajiet ta' dħul ogħla minħabba l-assenza ta' operatur diġà eżistenti". Minn dan isegwi li l-Kummissjoni kkonstatat li duplikazzjoni tan-netwerk bil-kejbil barra mill-cable footprint tagħha kienet inqas profittabbli minn estensjoni tan-netwerk bil-kejbil fit-territorju rispettiv tagħha, aspett li r-rikorrenti ma tikkontestax. F'dan il-każ, ir-rikorrenti sempliċement issostni li l-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp, minn operatur tal-kejbil, tan-netwerk tiegħu fi ħdan il-cable footprint tiegħu kienu simili għal dawk sostnuti għal estensjoni tan-netwerk bil-kejbil tiegħu barra miż-żona ta' kopertura tiegħu, mingħajr ma ssostni din il-pretensjoni, u b'mod partikolari mingħajr ma tikkontesta dawn l-elementi mressqa mill-Kummissjoni.

172 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fiż-żewġ siltiet żvelati mill-Kummissjoni, skont id-digriet tat-30 ta' Marzu 2023, tal-premessi 736 u 759 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li hija kienet ikkonstatat li, fil-ħames snin preċedenti, il-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu estendew b'mod negliġibbli biss in-netwerk tagħhom fi ħdan il-cable footprints rispettivi tagħhom jew viċin tagħhom. Din il-konstatazzjoni, mhux ikkontestata mir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2023, tikkorrobora l-konklużjoni tal-Kummissjoni li estensjoni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni fil-cable footprint tal-parti l-oħra kienet tkun improbabbli fl-assenza ta' konċentrazzjoni. Fil-fatt, għalkemm Vodafone u Unitymedia kienu estendew b'mod negliġibbli biss in-netwerk bil-kejbil tagħhom fi ħdan il-cable footprints rispettivi tagħhom qabel il-konċentrazzjoni, kien effettivament improbabbli li huma jestendu n-netwerk bil-kejbil tagħhom barra mill-cable footprints tagħhom, u b'mod partikolari f'dak tal-parti l-oħra, peress li tali estensjoni kienet inqas profittabbli minn estensjoni fi ħdan il-cable footprints rispettivi tagħhom.

173 Konsegwentement, dan it-tielet ilment imressaq mir-rikorrenti ma jistax jintlaqa'.

174 Fir-rigward, fir-raba' lok, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li Vodafone u Unitymedia setgħu jikkompetu abbażi ta' mezzi li ma humiex marbuta mal-infrastruttura, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ma llimitatx ruħha li teżamina l-probabbiltà ta' kompetizzjoni potenzjali permezz ta' duplikazzjoni ta' netwerk bil-cable, bħalma jsegwi mill-premessa 745 tad-deċiżjoni kkontestata għal dak li jirrigwarda Vodafone, u mill-premessa 763 għal dak li jirrigwarda Unitymedia. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kkunsidrat li lanqas ma kien probabbli li parti tidħol fil-cable footprint tal-parti l-oħra abbażi ta' mezzi mhux ibbażati fuq l-infrastruttura, bħal, b'mod partikolari, il-linji mikrija, l-infrastruttura tas-satellita jew in-netwerks ta' livell 4, b'tali mod li dan ir-raba' lment ma jistax jintlaqa'.

175 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni spjegat quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, li, għalkemm teoretikament kien possibbli li jiġu pprovduti servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni lil klijenti MDU mingħajr l-użu tal-infrastruttura rispettiva tagħha tal-livell 3, fil-prattika, din ma kinitx possibbiltà interessanti mill-perspettiva tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li, fil-premessa 820 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti għamlet riferiment għaliha diversi drabi fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni kkonstatat li l-operaturi ta' livell 4, fosthom ir-rikorrenti, kienu jiddependu kompletament mir-rieda tal-partijiet li joffru servizzi ta' trażmissjoni intermedjarja tas-sinjali tat-televiżjoni b'kundizzjonijiet kompetittivi, aspett li r-rikorrenti ma tikkontestax. Sussegwentement, fil-premessa 1479 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-operaturi tal-livell 4 kienu spjegaw huma stess li kienu attivi f'settur ta' niċċa tas-suq, filwaqt li l-assoċjazzjonijiet ta' akkomodazzjoni kienu affermaw li l-operaturi tal-livell 4 ta' spiss ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa fil-qasam tal-livell ta' servizz u ma kinux f'pożizzjoni li jieħdu ħsieb l-aġġornament tan-netwerk tal-livell 3, aspett li lanqas ma ġie kkontestat mir-rikorrenti.

Issa, dawn l-elementi jikkorroboraw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li ma tantx kien probabbli li l-partijiet fil-konċentrazzjoni jestendu l-attivitajiet tagħhom fil-cable footprint tal-parti l-oħra billi jibbażaw ruħhom fuq mezzi mhux ibbażati fuq l-infrastruttura.

176 Konsegwentement, ir-raba' motiv invokat mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

[*omissis*]

e) Fuq l-allegata kollużjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni

188 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li jekk il-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux f'kompetizzjoni bejniethom u qatt ma kienu rduppjaw in-netwerks tal-kejbil tagħhom, dan kien minħabba li bejniethom kienet teżisti kollużjoni impliċita jew taċita. Skont ir-rikorrenti, li kieku l-Kummissjoni pproċediet b'mod korrett, hija kienet tikkonstata li, fl-ipoteżi fejn la Vodafone u lanqas Unitymedia ma kienu estendew l-attivitajiet tagħhom fis-suq MDU fil-cable footprint tal-oħra, dan kien ikun biss minħabba tali kollużjoni.

[*omissis*]

191 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-kritika tar-rikorrenti ma tirrigwardax il-konċentrazzjoni eżaminata fid-deċiżjoni kkontestata, u lanqas l-effetti tagħha fuq is-suq MDU, iżda hija pjuttost intiża sabiex tipprova tispjega r-raġuni li għaliha l-partijiet f'din il-konċentrazzjoni ma kinux jikkompetu magħha.

192 Issa, mill-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta li dan tal-aħħar huwa applikabbli biss għall-konċentrazzjonijiet kif iddefiniti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li għalihom ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), fil-prinċipju, ma japplikax. Min-naħa l-oħra, dan ir-regolament tal-aħħar huwa l-uniku wieħed applikabbli għall-aġir tal-impriżi li, mingħajr ma jikkostitwixxi konċentrazzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 139/2004, jista' madankollu jwassal għal koordinazzjoni bejniethom kuntrarja għall-Artikolu 101 TFUE u li, għal din ir-raġuni, huwa suġġett għall-kontroll tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (sentenza tas-7 ta' Settembru 2017, Austria Asphalt, C-248/16, EU:C:2017:643, punti 32 u 33).

193 Minn dan jirriżulta li l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq allegata kollużjoni impliċita jew taċita bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni qabel il-konċentrazzjoni huwa ineffettiv, peress li ma jirrigwardax is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri konċentrazzjoni suġġetta għar-Regolament Nru 139/2004, iżda pjuttost jirrigwarda prattiki li potenzjalment jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 jew 102 TFUE u tar-Regolament Nru 1/2003. Għalhekk, anki jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kienu fondati, jiġifieri anki fl-ipoteżi fejn kien hemm, qabel il-konċentrazzjoni, kollużjoni impliċita jew taċita bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni li tispjega l-assenza ta' kompetizzjoni reali jew potenzjali bejniethom fis-suq MDU, bħalma ssostni r-rikorrenti, din ma kinitx tippermetti li tiġi kkontestata l-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni fir-rigward ta' dan is-suq, jiġifieri l-assenza ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni li l-eliminazzjoni tagħha setgħet tagħti lok għal OSKE.

194 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-allegazzjonijiet ta' terzi bbażati fuq kollużjoni taċita bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux ikkonfermati minn eżami tad-dokumenti interni tal-imsemmija partijiet u kienu kontradetti

mill-provi li kienu jinsabu fil-fajl dwar il-profittabbiltà insuffiċjenti tad-duplikazzjoni tan-netwerks bil-kejbil (ara n-noti ta' qiegħ il-paġna Nri 534 u 566). L-argumenti mressqa mir-rikorrenti, li diġà ġew miċħuda iktar 'il fuq, fil-kuntest tal-eżami ta' din il-parti, ma jippermettux li tiġi kkontestata din il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, mistoqsija dwar il-kwistjoni ta' kollużjoni taċita bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni waqt is-seduta, ir-rikorrenti ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta l-iċken prova f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, fir-rigward taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Awtorità Federali Kompetenti fil-Qasam tal-Kompetizzjoni invokati, għandu jitfakkar li dawn ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni, bħalma tfakkar fil-punt 152 iktar 'il fuq.

[*omissis*]

5. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq assenza ta' motivazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni ż-żieda kbira fir-riżorsi tal-entità li rriżultat mill-konċentrazzjoni

[*omissis*]

b) Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni

[*omissis*]

219 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament Nru 139/2004 isemmi s-saħħa ekonomika u finanzjarja fost l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk konċentrazzjoni hijiex kompatibbli mas-suq intern jew le.

220 Madankollu, sabiex tevalwa l-kumpatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni għadd ta' punti, fosthom l-istruttura tas-swieq inkwistjoni, il-kompetizzjoni reali jew potenzjali minn impriżi, il-pożizzjoni tal-impriżi kkonċernati kif ukoll is-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħhom, il-possibbiltajiet ta' għażla tal-fornituri u tal-utenti, l-eżistenza ta' ostakoli għad-dħul kif ukoll it-tendenzi fil-provvista u fid-domanda (sentenza tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, EU:C:2005:87, punt 125). Il-konstatazzjoni ta' żieda tar-riżorsi tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ma tippermettix, għaldaqstant, waħedha, li jiġi konkluż li hemm OSKE.

221 Minn dan isegwi li ċ-ċirkustanza li konċentrazzjoni bejn żewġ impriżi tikkawża żieda fir-riżorsi tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, anki jekk dan seħħ, ma hijiex suffiċjenti, fiha nnifisha, sabiex l-imsemmija konċentrazzjoni tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern. Fil-fatt, għandu jintwera wkoll li din iż-żieda fir-riżorsi tagħti lok għal OSKE.

222 Issa, f'dan il-każ, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk iż-żieda fir-riżorsi kinitx "speċifika" għall-konċentrazzjoni jew le, ir-rikorrenti ma turix kif tali żieda setgħet tagħti lok għal OSKE.

223 Is-sempliċi fatt li konċentrazzjoni tagħti lok għal sinerġiji jew għal tnaqqis tal-ispejjeż favur l-entità li tirriżulta minnha ma jfissirx li din il-konċentrazzjoni neċessarjament tfixkel il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li konċentrazzjoni toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti, jew li impriża dominanti waħda tiddeċiedi dwar l-istrateġija kompetittiva u l-politika tal-prezzijiet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fit-territorju nazzjonali kollu,

ukoll ma jfissirx li din awtomatikament tagħti lok għal OSKE. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li konċentrazzjoni toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti ma hijiex, fiha nnifisha, suffiċjenti sabiex jitqies li din il-konċentrazzjoni hija inkompatibbli mas-suq intern, peress li din ma tostakolax b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2021, Polskie Linie Lotnicze "LOT" vs Il-Kummissjoni, T-296/18, EU:T:2021:724, punt 107).

224 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni tista' tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern biss jekk hija tikkonstata OSKE li jkun il-konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni. Tali ostakolu, li jirriżulta mid-deċiżjonijiet futuri tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, jista' jitqies biss bħala konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni jekk dan l-aġir futur isir possibbli u ekonomikament razzjonali permezz tal-bidla fil-karatteristiċi u fl-istruttura tas-suq ikkawżata mill-konċentrazzjoni (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2013, Cisco Systems u Messagenet vs Il-Kummissjoni, T-79/12, EU:T:2013:635, punt 118).

225 Issa, f'dan il-każ, huwa paċifiku li kemm Vodafone kif ukoll Unitymedia kienu diġà jinsabu f'pożizzjoni dominanti fis-suq MDU fil-cable footprints rispettivi tagħhom qabel il-konċentrazzjoni, bil-konsegwenza li t-tnejn li huma kellhom il-poter li jaġixxu, b'mod kunsiderevoli, b'mod indipendenti fil-konfront tal-kompetituri tagħhom u tal-klijenti MDU tagħhom. Konsegwentement, anki jekk, bħalma ssostni r-rikorrenti, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni setgħet, permezz ta' żieda fir-riżorsi tagħha, teskludi l-kompetituri l-oħra tagħha bl-applikazzjoni, b'mod partikolari, ta' prezzijiet predatorji, għandu jiġi kkonstatat li dan kien diġà l-każ qabel il-konċentrazzjoni u li dan l-aġir futur ma jsirx, għaldaqstant, possibbli u ekonomikament razzjonali permezz tat-tibdil tal-karatteristiċi u tal-istruttura tas-suq ikkawżata mill-konċentrazzjoni.

226 Fi kwalunkwe każ, jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni timplimenta prattiki antikompetittivi sabiex teskludi l-kompetizzjoni residwa fis-suq MDU, ikun possibbli għal terzi li jirrapportaw tali abbuż potenzjali lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jew lill-Kummissjoni, bla ħsara għall-possibbiltà li dawn jaġixxu *ex officio*, konformement mal-Artikolu 5 u mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni, T-162/10, EU:T:2015:283, punt 250).

227 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni la hija marbuta bid-deċiżjoni tal-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf) tal-14 ta' Awwissu 2013, u lanqas bil-prassi deċiżjonali rispettiva tagħha.

228 Fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Düsseldorf), għandu barra minn hekk jiġi kkonstatat li din ingħatat fl-2013, filwaqt li l-konċentrazzjoni kienet ġiet innotifikata fl-2018. Madankollu, is-swieq tat-telekomunikazzjonijiet jevolvu b'mod mgħaġġel ħafna. F'dan il-kuntest, il-fatt li għaddew ħames snin jista' wkoll jiġġustifika l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fid-dawl tat-tqassim preċiż tal-kompetenzi li fuqu huwa bbażat ir-Regolament Nru 139/2004, id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċeduri ta' kontroll tal-konċentrazzjonijet (Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, C-202/06 P, EU:C:2007:814, punt 56, u tas-7 ta' Mejju 2009, NVV *et* vs Il-Kummissjoni, T-151/05, EU:T:2009:144, punt 139).

229 Fir-rigward tal-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni, għandu jitfakkar li, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern abbażi ta' notifika u ta' fajl għal din il-konċentrazzjoni, rikorrent ma jkollux id-dritt li jikkontesta l-konstatazzjonijiet tagħha għar-raġuni li dawn ikunu differenti minn dawk li jkunu saru preċedentement f'każ ieħor, abbażi ta' notifika u ta' fajl differenti, anki jekk is-swieq inkwistjoni fiż-żewġ każijiet ikunu simili, jew saħansitra identiċi (sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, EU:T:2005:456, punt 118, u tat-13 ta' Mejju 2015, Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni, T-162/10, EU:T:2015:283, punt 142).

230 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn din tal-aħħar ma kkonkludietx li kienu jeżistu effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq MDU minħabba ż-żieda fir-riżorsi li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni.

[*omissis*]

D. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq irregolaritajiet proċedurali fil-kuntest tal-eżami tal-effetti vertikali mhux ikkoordinati fis-suq intermedjarju u fis-suq MDU

[*omissis*]

3. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni

[*omissis*]

314 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mill-punt 31 tal-Linji gwida dwar l-evalwazzjoni ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU 2008, C 265, p. 6, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida dwar il-Konċentrazzjonijiet mhux Orizzontali") jirriżulta li jkun hemm esklużjoni tad-dħul meta, bħala riżultat tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, l-entità l-ġdida tista' tirrestrinġi l-aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi li hija kienet tipprovdi li kieku l-imsemmija konċentrazzjoni ma seħħitx, b'mod partikolari meta din l-entità tkun tista' żżid l-ispejjeż tal-kompetituri tagħha li jinsabu downstream, billi tirrendi iktar diffiċli għal dawn tal-aħħar il-provvista ta' inputs bi prezzijiet u b'kundizzjonijiet identiċi għal dawk li kienu jipprevalu fl-assenza ta' din il-konċentrazzjoni.

315 Skont il-punt 32 tal-Linji Gwida dwar il-Konċentrazzjonijiet mhux Orizzontali, fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' esklużjoni antikompetittiva tad-dħul, il-Kummissjoni għandha teżamina, l-ewwel, jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollhiex, wara l-konċentrazzjoni, il-kapaċità li teskludi l-aċċess tad-dħul b'mod sinjifikattiv, it-tieni, jekk ikollhiex interess li tagħmel dan u, it-tielet, jekk strateġija ta' esklużjoni tas-suq ikollhiex impatt negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni tal-output.

316 Għandu jiġi osservat li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'tali mod li l-assenza ta' waħda minnhom hija suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' esklużjoni antikompetittiva tad-dħul (sentenzi tat-23 ta' Mejju 2019, KPN vs Il-Kummissjoni, T-370/17, EU:T:2019:354, punti 118 u 119, u tas-27 ta' Jannar 2021, KPN vs Il-Kummissjoni, T-691/18, mhux ippubblikata, EU:T:2021:43, punti 111 u 112). Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari

t-tielet waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li, sabiex tali kundizzjoni tiġi ssodisfatta, għandu jintwera effett negattiv li jkun sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni downstream, bħalma jsegwi mill-punt 32 tal-Linji Gwida dwar il-Konċentrazzjonijiet mhux Orizzontali.

317 Għandu jiġi kkonstatat li, fid-deċiżjoni kkontestata, minkejja l-assenza ta' rabta vertikali ġdida bejn is-suq intermedju upstream u s-suq MDU downstream li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, il-Kummissjoni, fil-premessi 1476 sa 1506 tad-deċiżjoni kkontestata, eżaminat dawn it-tliet kundizzjonijiet mingħajr dan l-approċċ ma huwa, bħala tali, ikkritikat mir-rikorrenti.

318 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis opportun li tibda billi teżamina l-argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex turi li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkonkludiet b'mod manifestament żbaljat li t-tielet waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma kinitx issodisfatta, jiġifieri t-tielet ilment tagħha, miġbur fil-qosor fil-punt 312 iktar 'il fuq.

319 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ma tikkontestax diversi elementi li wasslu lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li strateġija eventwali ta' esklużjoni mis-suq fi kwalunkwe każ ma jkollhiex effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni downstream.

320 Għalhekk, ir-rikorrenti ma tikkontestax li tali strateġija ma affettwatx l-attività prinċipali tagħha, peress li din kienet eżerċitata barra mill-cable footprint ta' Unitymedia. Barra minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti tikkontesta l-konklużjoni tal-Kummissjoni li hija kienet ftit biss attiva fil-cable footprint ta' Unitymedia, hija madankollu bl-ebda mod ma ssostni tali allegazzjoni u b'mod partikolari ma tikkontestax il-fatt li hija ma setgħetx tipparteċipa fis-sejħiet għal offerti li jeħtieġu aġġornamenti tan-netwerk ta' livell 3, in-natura limitata, peress li ta' [0–5] % tas-sehem tagħha tas-suq ikkonċernat u l-parteċipazzjoni limitata tagħha f'sejħiet għal offerti fil-cable footprint ta' Unitymedia.

321 Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma huwa fondat.

322 Fir-rigward, l-ewwel, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li hija kienet teżerċita restrizzjoni kompetittiva suffiċjenti fil-cable footprint ta' Unitymedia, minkejja l-fatt li hija kienet sempliċement terġa' tbigħ il-prodott ta' din tal-aħħar, għandu jiġi kkonstatat li tali allegazzjoni ma hijiex akkumpanjata minn elementi li jippermettu li jiġu kkontestati l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-premessi 1501 u 1503 tad-deċiżjoni kkontestata, kif imfakkra fil-punti 283 u 284 iktar 'il fuq.

323 Għalhekk, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma ssostni l-allegazzjoni tagħha li l-għajbien tal-bejjiegħa mill-ġdid, li rnexxielhom jirbħu s-sejħiet għal offerti fil-passat, kellu effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni.

324 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għall-allegazzjoni tar-rikorrenti, ma taqax taħt proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet ir-responsabbiltà li jiġi żgurat it-tisħiħ tar-rikorrenti bħala l-kompetitur prinċipali tal-partijiet fil-konċentrazzjoni u sors prinċipali ta' kompetizzjoni residwa, iktar u iktar peress li r-rikorrenti ma tispeċifikax fiex jikkonsisti tali tisħiħ, u lanqas minn liema bażi legali għandu jirriżulta.

325 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma hijiex fondata li tinvoka l-fatt li, fir-rigward tal-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq tal-aċċess fiss għall-internet, il-Kummissjoni aċċettat miżura korrettiva purament ibbażata fuq il-bejjiegħa mill-ġdid. Fil-fatt, bħalma tispjega l-Kummissjoni, jeżistu differenzi sinjifikattivi bejn is-suq MDU u s-suq tal-aċċess fiss għall-internet, li rrendew

neċessarja l-adozzjoni ta' miżura korrettiva fil-każ ta' dan tal-aħħar. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fuq iż-żewġt iswieq kienu differenti (ara l-premessi 391 *et seq* kif ukoll il-premessi 700 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward, fis-suq MDU, l-enfasi kienet fuq kollox fuq l-infrastruttura li kellha ssir disponibbli (ara l-premessi 107 u 699 tad-deċiżjoni kkontestata) u l-forniturі tal-livell 4 ma kinux jeżerċitaw pressjoni kompetittiva sinjifikattiva fuqu (punti 818 sa 820 u 1478 sa 1480 tad-deċiżjoni kkontestata). Min-naħa l-oħra, qabel il-konċentrazzjoni, Vodafone kienet teżerċita pressjoni kompetittiva kunsiderevoli fuq is-suq tal-aċċess fiss għall-internet (ara l-premessi 445 sa 499, u b'mod partikolari l-premessa 454 tad-deċiżjoni kkontestata), b'tali mod li miżura korrettiva kienet neċessarja (ara, b'mod partikolari, il-premessa 1898 tad-deċiżjoni kkontestata).

326 It-tieni, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li hija bbażat ruħha biss temporanjament fuq is-servizzi intermedjarji ta' trażmissjoni tas-sinjal tat-televiżjoni pprovduti minn Unitymedia sakemm nediet in-netwerk tagħha tal-livell 3, mill-premessa 798 u mill-figura 20 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Kummissjoni tagħmel riferiment għalihom fil-premessa 1504 tal-imsemmija deċiżjoni, isegwi li l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni huma bbażati kemm fuq it-tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll fuq iċ-ċifri kkomunikati mir-rikorrenti stess. Il-provi ppreżentati fil-premessa 744(a) u fil-premessi 797 sa 799 tad-deċiżjoni kkontestata juru li r-rikorrenti ma kinitx verament wettqet duplikazzjoni tan-netwerk bil-cable ta' operatur ieħor fis-snin li ppreċedew l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, il-figura 20 tad-deċiżjoni kkontestata, inkluża fil-premessa 798 tal-imsemmija deċiżjoni, turi li n-numru ta' djar konnessi man-netwerk tar-rikorrenti ma kienx żdied b'mod sinjifikattiv bejn l-2012 u l-2018, ħlief minħabba l-akkwist ta' assi preeżistenti ta' kumpanniji oħra. Issa, ir-rikorrenti sempliċement tagħmel riferiment għad-dikjarazzjonijiet rispettivi tagħha, iżda ma tipproduċi ebda prova li tikkontradixxi l-konklużjoni li hija "[kienet] żviluppat ftit biss l-infrastruttura tagħha tal-livell 3 f'dawn l-aħħar snin".

327 Minn dan isegwi li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma jurux li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, meta qieset li l-elementi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha kienu juru li l-fatt li r-rikorrenti ma kinitx b'saħħitha fil-cable footprint a' Unitymedia ma għandux effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-provvista bl-imnut tal-klijenti MDU.

328 Għaldaqstant, it-tielet ilment ifformulat mir-rikorrenti insostenn tat-tieni parti tat-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

329 Fid-dawl tan-natura kumulattiva tat-tliet kundizzjonijiet dwar l-eżistenza ta' riskju ta' esklużjoni tad-dħul, li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, il-fatt li r-rikorrenti ma wrietx li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li t-tielet waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma kinitx issodisfatta huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż tali riskju ta' esklużjoni, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni ikkunsidratx, b'mod manifestament żbaljat, li ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra lanqas ma kienu ssodisfatti. Konsegwentement, ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-ewwel u tat-tieni lment ifformulati mir-rikorrenti insostenn tat-tieni parti tat-tielet motiv, li jirrigwardaw, essenzjalment, dawn l-ewwel żewġ kundizzjonijiet.

330 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti kellhiex interess li tinvokah.

E. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq ta' xiri lura ta' sinjali tat-televiżjoni

[*omissis*]

2. Fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni allegat mir-rikorrenti

[*omissis*]

348 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kritika li hija għamlet lill-Kummissjoni li allegatament illimitat ruħha li tanalizza ċerti effetti antikompetittivi fuq it-tariffi tax-xiri lura jew fuq is-servizzi OTT u HBBTV, ir-rikorrenti sempliċement tiċċita ċerti funzjonalitajiet tekniċi u ċerti aspetti kummerċjali li l-Kummissjoni, fil-fehma tagħha, kellha teżamina, iżda bl-ebda mod ma tispjega kif dawn jistgħu jiġu affettwati mill-konċentrazzjoni, u b'mod iktar partikolari r-raġunijiet li għalihom, u l-mod li bih, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha l-kapaċità, u fuq kollox l-interess, li tiddeterjora dawn il-funzjonalitajiet u aspetti kummerċjali waqt in-negozjati tagħha max-xandara, kif, fid-dawl b'mod partikolari tal-importanza tagħhom, dan jista' jkollu l-effett li jostakola b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq tax-xiri ta' sinjali tat-televiżjoni u kif tali deterjorament probabbli ta' dawn il-funzjonalitajiet u aspetti kummerċjali jkun speċifiku għall-konċentrazzjoni, aspett li jippermetti li dan l-ewwel ilment jiġi miċħud.

349 Fi kwalunkwe każ, bħalma ssostni ġustament il-Kummissjoni, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni ma wettqitx l-eżamijiet kollha mixtieqa jew meqjusa utli mir-rikorrenti ma jiġġustifikax, fih innifsu, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

350 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha l-kapaċità u l-inċentiv li tistabbilixxi esklużivitajiet parzjali sabiex tipprojbixxi x-xandir ta' kontenut permezz ta' wħud mill-kompetituri tagħha, bħal hija stess, għandu jiġi kkonstatat li tali allegazzjoni hija ġenerali ħafna u bl-ebda mod ma hija sostnuta.

351 Barra minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti ssostni li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha l-kapaċità u l-inċentiv li tistabbilixxi tali strateġija ta' esklużività parzjali fil-konfront ta' wħud mill-kompetituri tagħha, għandu jiġi kkonstatat li hija lanqas ma tipprova turi li tali strateġija jkollha effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni downstream, billi tibbaża ruħha pereżempju fuq provi li juru li proporzjon potenzjalment sinjifikattiv ta' kumpanniji ta' akkomodazzjoni f'dak li jirrigwarda s-suq MDU, jew ta' telespettaturi Ġermaniżi f'dak li jirrigwarda s-suq SDU, kien lest li jaqleb għall-offerta tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni għas-sempliċi raġuni li ċerti stazzjonijiet ma kinux ġew proposti mill-fornitur attwali tagħhom. Issa, bħalma jsegwi mill-punti 315 u 316 iktar 'il fuq u mill-ġurisprudenza ċċitata fihom, it-tliet kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 32 tal-Linji Gwida dwar il-Konċentrazzjonijiet mhux Orizzontali huma kumulattivi, b'tali mod li l-assenza ta' waħda minnhom hija suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' esklużjoni antikompetittiv tad-dħul, li jippermetti li dan it-tieni lment jiġi miċħud.

352 Fi kwalunkwe każ, il-konklużjoni, minn impriża f'pożizzjoni dominanti, ta' ftehim ta' esklużività ma' fornitur intiż li jeskludi mis-suq downstream kompetitur wieħed jew iktar identifikati individwalment tista' tikkostitwixxi aġir kuntrarju għad-dritt tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2011, Altstoff Recycling Austria vs Il-Kummissjoni, T-419/03, EU:T:2011:102, punt 51). Mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali,

il-Kummissjoni barra minn hekk ikkonfermat li jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tikkonkludi ftehim ta' esklużività totali jew parzjali ma' xandar, dan ikun potenzjalment jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE.

353 Konsegwentement, għandu jitqies li ma tantx kien probabbli li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tkun inċentivata tikkonkludi tali ftehimiet wara din il-konċentrazzjoni, li kien japplika wkoll għax-xandara. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jsegwi li għalkemm huwa xieraq li jittieħdu inkunsiderazzjoni inċentivi sabiex jiġi adottat aġir antikompetittiv, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imsemmija inċentivi jistgħu jitnaqqsu, jew saħansitra jiġu eliminati, minħabba l-illegalità tal-aġir inkwistjoni, il-probabbiltà li jiġi skopert, l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali u s-sanzjonijiet pekunjarji li jistgħu jirriżultaw minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2002, Tetra Laval vs Il-Kummissjoni, T-5/02, EU:T:2002:264, punt 159, u tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, EU:T:2005:456, punti 303 sa 311). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-possibbiltà improbabbli, fid-dawl tan-natura potenzjalment illegali tagħha, li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tikkonkludi ma' xandar ftehim ta' esklużività li permezz tiegħu kompetitur wieħed jew iktar fis-swieq downstream, bħar-rikorrenti, jiġu mċaħħda minn aċċess għal ċertu kontenut.

354 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-allegazzjoni li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tista' tuża fis-suq MDU l-vantaġġi li hija tibbenefika minnhom fis-suq tax-xiri mill-ġdid tas-sinjali tat-televiżjoni, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-elementi diġà ġew invokati mir-rikorrenti insostenn tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħha, ibbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq nuqqas ta' motivazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-eżami tagħha tas-suq MDU, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni ż-żieda kbira tar-riżorsi tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni. Issa, din it-tieni parti ġiet miċħuda għar-raġunijiet esposti fil-punti 199 sa 230 iktar 'il fuq, b'tali mod li dan it-tielet ilment ma jistax jintlaqa'.

355 Fi kwalunkwe każ, jekk il-vantaġġi allegati li tkun tibbenefika minnhom l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkunu jippermettulha toffri prezzijiet iktar vantaġġużi lill-klijenti MDU, bħalma ssostni r-rikorrenti, ikun hemm lok li jitqies li dan juri effetti pożittivi għall-konsumaturi, peress li kien probabbli li tali tnaqqis fil-prezz kien ser jiġi rifless fl-ammont tal-kera fix-xahar ta' min jikri l-immobbli kkonċernati, iktar milli OSKE. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti bl-ebda mod ma turi li l-vantaġġi li hija tallega, jiġifieri l-ġbir ta' tariffi ta' xiri lura u l-akkwist ta' kontenut b'kundizzjonijiet iktar vantaġġużi minn dawk tal-operaturi iżgħar li jxandru bil-kejbil, kienu speċifiċi għall-konċentrazzjoni.

356 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, bil-konsegwenza li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

F. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq irregolarità proċedurali fil-kuntest tal-eżami tal-impenji

[*omissis*]

2. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-impenn WCBA

[*omissis*]

370 Sussegwentement, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-impenn WCBA huwa ineffettiv peress li ma jippermettix li tiġi kkumpensata t-tneħħija tal-pressjoni kompetittiva mill-infrastrutturi u l-innovazzjonijiet eżerċitata minn Unitymedia qabel il-konċentrazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-għan prinċipali tal-impenn WCBA kien li tiġi rrimedjata l-problema kompetittiva li tirriżulta mit-tneħħija tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-attività DSL ta' Vodafone fil-cable footprint ta' Unitymedia, bħalma jsegwi b'mod partikolari mill-premessa 1898 tad-deċiżjoni kkontestata.

371 Fil-fatt, wara l-konċentrazzjoni, l-attività eżerċitata minn Unitymedia permezz tan-netwerk bil-kejbil tagħha tkompli u terġa' tibda minn Vodafone. Min-naħa l-oħra, Vodafone kienet tipprevedi li ttemm, fil-cable footprint ta' Unitymedia, l-attività DSL tagħha, li hija kienet teżerċita abbażi ta' aċċess bl-ingrossa pprovdut minn Deutsche Telekom (ara, b'mod partikolari, il-premessi 566, 604 u 605 tad-deċiżjoni kkontestata). Minn dan isegwi li hija l-attività DSL ta' Vodafone, jiġifieri attività ta' bejgħ mill-ġdid tal-prodott DSL ta' Deutsche Telekom, li titneħħa wara l-konċentrazzjoni.

372 L-impenn WCBA ma setax, għaldaqstant, jitqies bħala ineffettiv sa fejn dan kien jipprevedi d-dħul ta' operatur, Telefónica, li ma kienx attiv fil-qasam tal-infrastrutturi, iżda kien jagħmel biss bejgħ mill-ġdid, peress li kellu preċiżament l-għan li jikkumpensa t-tmiem ta' operatur, Vodafone, fil-cable footprint ta' Unitymedia, li ma kienx attiv fil-qasam tal-infrastrutturi, iżda kien jagħmel biss il-bejgħ, b'tali mod li dan l-ewwel ilment ma jistax jintlaqa'.

373 Fi kwalunkwe każ, mill-premessa 452 tad-deċiżjoni kkontestata jsegwi b'mod partikolari li, fil-cable footprint tagħha, Vodafone kienet tinvesti u tagħmel innovazzjoni qabel il-konċentrazzjoni. Barra minn hekk, wara l-konċentrazzjoni, l-attività bil-kejbil tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tibqa' suġġetta, fil-cable footprint ta' Unitymedia, għall-kompetizzjoni ta' operaturi oħra, bħal Deutsche Telekom, United Internet u Telefónica, aspett li jirriżulta wkoll minn din il-premessa. Minn dan jirriżulta li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni probabbilment ikollha, fil-cable footprint preċedenti ta' Unitymedia, tagħmel investimenti f'termini ta' infrastruttura u ta' innovazzjoni simili għal dawk li kienet twettaq din tal-aħħar qabel il-konċentrazzjoni. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda prova li turi b'mod suffiċjenti li, minkejja dawn iċ-ċirkustanzi u, b'mod iktar preċiż, minkejja l-kompetizzjoni eżerċitata minn Deutsche Telekom, United Internet u Telefónica, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ser tieqaf tinvesti u tagħmel innovazzjonijiet fil-cable footprint preċedenti ta' Unitymedia, bil-konsegwenza li l-konċentrazzjoni twassal għal telf tal-pressjoni kompetittiva li tirriżulta minn tali investimenti u innovazzjonijiet.

374 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta l-impenn WCBA minħabba n-natura komportamentali u mhux strutturali tagħha, huwa minnu li, bħalma tikkonstata r-rikorrenti, il-Kummissjoni tispjega, fil-punt 15 tal-Avviż dwar ir-Rimedji, li l-impenji ta' natura strutturali, bħall-impenn li tiġi ttrasferita attività, huma ġeneralment preferibbli mill-perspettiva tal-għan iddefinit fir-Regolament Nru 139/2004, sa fejn dawn jipprekludu, għal żmien twil, il-problemi ta' kompetizzjoni li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni nnotifikata u ma jeħtiġux miżuri ta' sorveljanza fuq perijodu medju jew twil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza fil-punt 17 tal-imsemmi avviż li l-impenji dwar l-aġir futur tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jistgħu jkunu ammissibbli eċċezzjonalment biss, f'ċirkustanzi speċifiċi ħafna.

375 Sussegwentement, il-Kummissjoni tista' taċċetta biss impenji ta' natura li jagħmlu l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern. Fi kliem ieħor, l-impenji proposti mill-impriżi kkonċernati għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ma tfixkilx b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament (ara s-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 294 u l-ġurisprudenza ċċitata).

376 L-impenji li saru matul il-fażi II għandhom, b'mod partikolari, l-għan li jirrimedjaw il-problemi ta' kompetizzjoni kkonstatati mill-Kummissjoni matul il-fażi I u li wasslu lill-Kummissjoni tiftaħ il-fażi II. Konsegwentement, meta l-Qorti Ġenerali jkollha teżamina jekk l-impenji meħuda matul il-fażi II humiex, fid-dawl tal-portata tagħhom u tal-kontenut tagħhom, ta' natura li jippermettu lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tapprova l-konċentrazzjoni, hija għandha tivverifika li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tikkunsidra li l-imsemmija impenji kienu jikkostitwixxu risposta diretta u suffiċjenti għall-problemi ta' kompetizzjoni kkonstatati fil-fażi I (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni, T-162/10, EU:T:2015:283, punt 298)

377 Skont il-premessa 30 tar-Regolament Nru 139/2004, meta l-impriżi konċernati jagħmlu xi bidliet f'konċentrazzjoni nnotifikata, b'mod partikolari billi jagħmlu impenji sabiex jagħmluha kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddikjara din il-konċentrazzjoni, kif mibdula, kompatibbli mas-suq intern. Dawn l-impenji għandhom ikunu proporzjonati mal-problema ta' kompetizzjoni u jsolvuha kompletament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 307).

378 Fl-aħħar nett, l-impenji ta' mġiba ma humiex insuffiċjenti min-natura tagħhom stess sabiex jipprekludu OSKE fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti u għandhom jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ bħall-impenji strutturali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2005, EDP vs Il-Kummissjoni, T-87/05, EU:T:2005:333, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

379 Huwa għalhekk li, fil-punt 15 tal-Avviż dwar ir-Rimedji, il-Kummissjoni tenfasizza li ma huwiex possibbli li jiġi eskluż *a priori* li tipi oħra ta' impenji, li ma humiex impenji ta' natura strutturali, jistgħu wkoll jipprekludu l-formazzjoni ta' OSKE.

380 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, ċertament, fl-Avviż dwar ir-Rimedji, il-Kummissjoni turi preferenza għall-impenji strutturali, b'mod partikolari minħabba l-faċilità ta' implimentazzjoni tagħhom. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li hija prinċipalment in-natura xierqa u suffiċjenti tal-impenji sabiex tiġi solvuta l-problema ta' kompetizzjoni identifikata, kif ukoll iċ-ċertezza li l-imsemmija impenji jistgħu jiġu implimentati, li tirregola l-aċċettazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

381 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma hijiex fondata ssostni li l-Kummissjoni kellha tiċħad l-impenn WCBA għas-sempliċi raġuni li dan kien jirrigwarda biss l-aġir tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, li jippermetti li t-tieni lment jiġi miċħud.

382 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti bbażata fuq l-allegata inkapaċità ta' Telefónica li teżerċita pressjoni kompetittiva qawwija fis-suq tal-aċċess fiss għall-internet, għandu jiġi kkonstatat li l-kontenut tal-premessa 529 tad-deċiżjoni kkontestata, invokata

mir-rikorrenti insostenn ta' dan l-ilment, jikkonċerna dikjarazzjoni ta' Deutsche Telekom dwar is-saħħa kompetittiva ta' Telefónica qabel it-teħid inkunsiderazzjoni tal-impenn WCBA, li jippermetti li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni stess, f'din il-premessa, irrikonoxxiet din l-inkapaċità ta' Telefónica.

383 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq veloċitajiet allegatament limitati li huma offruti lil Telefónica skont l-impenn WCBA, huwa minnu li, fil-premessa 531 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni għamlet il-konstatazzjonijiet li ġejjin:

"Telefónica kellha biss reċentement offerta ta' 250 Mbit/s fil-portafoll ta' prodotti tagħha. Sa issa, hija kienet toffri biss veloċitajiet ta' 10, 50 u 100 Mbit/s, li l-kompetituri jqisu bħala limitu serju għall-kompetittività tagħha. Din l-introduzzjoni tardiva ta' veloċitajiet ogħla fil-portafoll ta' prodotti tagħha tikkostitwixxi prova importanti tal-kompetittività limitata ta' Telefónica fis-suq" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

384 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li tali konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni kienu jirrigwardaw is-sitwazzjoni ta' Telefónica fl-assenza tal-impenn WCBA.

385 Għaldaqstant, għandu jitqies li dawn il-konstatazzjonijiet, li ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-obbligi kollha assunti minn Vodafone fil-kuntest tal-impenn WCBA, ma jippermettu li tinsilet ebda konklużjoni dwar il-kapaċità u l-inkoraġġiment ta' Telefónica sabiex topera bħala saħħa kompetittiva vijabbli u attiva ladarba jiġi implimentat dan l-impenn.

386 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fil-premessi 1896 sa 1917 tad-deċiżjoni kkontestata, f'taqsima intitolata "Portata" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni eżaminat l-impenn WCBA fid-dettall. B'mod iktar partikolari, fil-premessi 1901 sa 1906 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni eżaminat il-veloċitajiet offruti minn Vodafone lil Telefónica. Bħalma tenfasizza l-intervenjenti fil-kuntest ta' din il-proċedura, Telefónica kellha debitu massimu ipotetiku ta' 250 Mbits/s għall-attivitajiet DSL tagħha. B'paragun ma' dan, l-impenn WCBA jippermettilha taċċedi veloċitajiet sa 300 Mbits/s meta jiġi implimentat u sa 500 Mbits/s wara. Huwa għalhekk li, fil-premessa 1906 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-veloċitajiet disponibbli fil-kuntest tal-impenn WCBA joffru vantaġġi sinjifikattivi meta mqabbla ma' dawk disponibbli fuq l-infrastruttura DSL ta' Deutsche Telekom. B'mod partikolari, hija rrilevat li dan l-impenn kien joffri veloċitajiet ogħla mill-prodott l-iktar veloċi teknikament disponibbli bl-infrastruttura DSL u kien joħloq kompetitur li kien eqreb għal Unitymedia milli għall-attività DSL ta' Vodafone f'termini ta' veloċità. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni qieset li l-veloċitajiet disponibbli b'applikazzjoni tal-impenn WCBA jikkostitwixxu titjib meta mqabbla mal-offerta bl-ingrossa ta' Deutsche Telekom u huma suffiċjenti sabiex jippermettu lil Telefónica teżerċita kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-aċċess fiss għall-Internet fil-futur prevedibbli.

387 Għalhekk, is-sempliċi ċirkustanza li, qabel it-teħid inkunsiderazzjoni tal-impenn WCBA, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-introduzzjoni tardiva ta' veloċitajiet ogħla fil-portafoll ta' prodotti tagħha kienet tikkostitwixxi prova importanti tal-kompetittività limitata ta' Telefónica fis-suq, ma tippermetti li tinsilet ebda konklużjoni dwar il-kapaċità u l-inċentiv ta' Telefónica li topera bħala saħħa kompetittiva vijabbli u attiva, u għalhekk fuq in-natura xierqa u suffiċjenti tal-impenn WCBA, ladarba implimentat, li jippermetti li jiġi miċħud dan it-tielet ilment.

388 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-ewwel parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq żball manifest li allegatament wettqet il-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-impenn WCBA, għandha tiġi miċħuda.

3. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq irregolarità proċedurali u fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-impenji li jirrigwardaw is-suq tax-xiri tas-sinjali tat-televiżjoni

389 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet irregolarità proċedurali meta aċċettat l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura, peress li dan kien ġie ppreżentat tard, wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 802/2004, u mingħajr konsultazzjoni mal-atturi tas-suq.

[*omissis*]

400 It-tieni, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-impenn OTT kien insuffiċjenti, peress li s-servizzi OTT kellhom biss importanza limitata fil-Ġermanja u peress li ma pproteġewx l-operaturi tal-kejbil l-oħra u l-forniturI IPTV, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li mill-premessa 1266 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-problema tal-kompetizzjoni kkonstatata, li għaliha dan ir-rimedju kien intiż li jipprovdi soluzzjoni, kienet tikkonsisti fil-possibbiltà ikbar li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha li tostakola l-ħolqien u l-iżvilupp ta' ċerti servizzi televiżivi innovattivi, li l-importanza dejjem tikber tagħhom kienet ġiet ikkonstatata, li tippermetti iktar interazzjoni bejn ix-xandar u t-telespettaturi, fosthom l-OTT.

401 Konsegwentement, indipendentement mill-kwistjoni tal-kuntest temporali li fih is-servizzi OTT kienu kapaċi jillimitaw il-marġni ta' manuvra u s-setgħa ikbar ta' negozjar tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-impenn OTT, sa fejn jipprekludi lil Vodafone, sa mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, mhux biss milli tikkonkludi jew iġġedded ftehim ma' xandar li jkun inkluda termini li jirrestriġu direttament jew indirettament il-kapaċità ta' dan ix-xandar li joffri servizz OTT fil-Ġermanja, iżda jobbligaha wkoll li ma timplimentax tali klawżoli li kienu jeżistu u li tirtira restrizzjonijiet simili fil-kuntratti eżistenti (ara l-punti 13 u 14 tat-Taqsima B.II tat-test tal-impenji), seta' immedjatament jipprekludi lil Vodafone milli tostakola l-emerġenza u l-iżvilupp tas-servizzi OTT u, għaldaqstant, milli jelimina l-problema tal-kompetizzjoni kkonstatata li għaliha kien ġie adottat.

402 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Kummissjoni kkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha l-kapaċità u l-inċentiv li tostakola l-ħolqien u l-iżvilupp ta' servizzi televiżivi innovattivi bħall-HBBTV u l-OTT u li Vodafone kienet, sabiex tirrimedja din il-problema ta' kompetizzjoni, ipproponiet l-impenji OTT u HBBTV, hija ma qisitx li dan kien ikun il-każ ta' mezzi oħra ta' xandir, bħall-operaturi tal-kejbil l-oħra jew il-forniturI IPTV. Fir-rigward ta' dan il-prodott tal-aħħar, għandu jiġi kkonstatat li dan kien, kuntrarjament għall-OTT, f'fażi ta' tnaqqis ta' popolarità, b'sehem mis-suq limitat ta' 8 % (ara l-premessa 291 tad-deċiżjoni kkontestata), aspett li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti.

403 Issa, ir-rikorrenti ma kkritikatx lill-Kummissjoni li ma qisitx li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kien ikollha l-kapaċità u l-interess li tostakola l-ħolqien u l-iżvilupp ta' mezzi oħra ta' xandir, bħall-operaturi tal-kejbil l-oħra jew il-forniturI IPTV, bil-konsegwenza li ma kienx neċessarju li timponi impenn f'dan ir-rigward, u dan jippermetti li tiġi miċħuda din l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

404 Fir-rigward, it-tielet, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-kapaċità eżistenti bejn in-netwerk tal-internet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni u l-forniturI terzi ta' servizzi ta' interkonnettività tal-internet prevista fil-kuntest tal-impenn OTT ma kinitx biżżejjed sabiex

tiggarantixxi veloċità li tippermetti x-xandir ta' servizzi OTT, iżda li pjuttost kellu jiġi ffissat għal 32 in-numru ta' akkomodazzjonijiet konnessi għal kull distributur, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma ssostni ebda prova simili, b'tali mod li dan it-tielet ilment ma jistax jintlaqa'.

405 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li mill-punt 15 tat-Taqsima B.II tat-test tal-impenji jsegwi li l-għan tat-tieni aspett tal-impenn OTT, li jirrigwarda l-interkonnessjoni għas-servizzi OTT, kien li jinżammu mill-inqas tliet rotot mhux konġestjonati lejn in-netwerk IP tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fil-Ġermanja. Fi kliem ieħor, l-għan kien li tiġi pprovduta kapaċità ta' interkonnessjoni suffiċjenti sabiex il-klijenti tal-internet b'veloċità għolja tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkunu jistgħu jaċċessaw kwalunkwe servizz OTT fil-Ġermanja, jew permezz tal-punti ta' interkonnessjoni deskritti fil-punt 16 tat-Taqsima B.II tat-test tal-impenji, jew mod ieħor.

406 Għal dan l-għan, il-punt 16 tat-Taqsima B.II tat-test tal-impenji kien jipprevedi, b'mod partikolari, l-obbligi li ġejjin. L-ewwel, Vodafone kellha tiżgura li l-użu tal-ogħla livell ta' kuljum fuq il-punti ta' interkonnessjoni kollha tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ma' kull wieħed mill-gruppi ta' mill-inqas tliet fornituri ta' interkonnettività ta' reputazzjoni li kienu lesti jbigħu servizzi ta' tranżitu, permezz ta' punt wieħed jew iktar ta' interkonnessjoni fiżiċi fil-Ġermanja, li fuqhom it-traffiku seta' jiċċaqlaq lejn il-klijenti tal-internet b'veloċità għolja, ma jaqbiżx it-80 %, bil-konsegwenza li jkun hemm mill-inqas 20 % tal-kapaċità disponibbli lil hinn mill-ogħla livell ta' kuljum. It-tieni, Vodafone kellha tiżgura li l-kapaċità disponibbli lil hinn mill-ogħla livell ta' kuljum tkun mill-inqas ta' 20 Gbit/s. Dan l-ammont kellu jiġi rrivedut kull sena skont proċedura deskritta fit-test tal-impenji. Issa, ir-rikorrenti ma tispjegax b'mod konkret kif dan kien insuffiċjenti.

407 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Kummissjoni u l-intervenjenti spjegaw essenzjalment, mingħajr ma ġew kontradetti, li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tkun inċentivata ħafna sabiex timminimizza konġestjoni fuq il-livell tal-linja lokali għar-raġuni li tali konġestjoni, li tikkawża konġestjoni "fl-aħħar kilometru" (on the last mile), kienet tikkompromietti wkoll l-attrattività tal-offerta fissa tagħha ta' servizzi ta' internet b'veloċità għolja u kienet tesponiha għar-riskju li titlef klijenti favur operaturi oħra.

408 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fil-premessa 1929 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li n-newtralità tal-internet, iggarantita mir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2015, L 310, p. 1), kellha tipprekludi lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni milli tadotta prattiki unilaterali restrittivi intiżi sabiex jevitaw l-impenn, bħad-definizzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet fil-qasam tat-traffiku jew id-diskriminazzjoni, aspett li r-rikorrenti ma tikkontestax.

409 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat li r-rikorrenti ma turix li l-impenn OTT kien ikun insuffiċjenti sabiex jiggarantixxi kwalità ta' riċezzjoni suffiċjenti lill-klijenti tat-televiżjoni OTT, li jippermetti li t-tielet ilment jiġi miċħud.

410 Ir-raba', fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-impenn OTT u l-impenn HBBTV ma kinux jipprekludu lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni milli tabbuża mill-pożizzjoni tagħha, billi tippreġudika funzjonalitajiet tekniċi oħra, għandu jitfakkar li mill-punti 348 u 349 iktar 'il fuq

isegwi li, fil-kuntest tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li l-Kummissjoni naqset milli tikkonstata li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni setgħet ukoll tippreġudika funzjonalitajiet tekniċi oħra, bħaċ-"CI Plus", it-"TVHD", il-gwida elettronika tal-programm jew is-servizzi ta' VOD, ta' servizzi ta' ripetizzjoni u ta' xandir mill-ġdid istantanji, jiġifieri l-istess bħal dawk li hija ssemmi insostenn ta' din l-allegazzjoni.

411 B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti ma turix, l-ewwel, kif l-imsemmija funzjonalitajiet setgħu jiġu affettwati mill-konċentrazzjoni, kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom, u l-mod li bih, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kien ikollha l-kapaċità, u fuq kollox l-interess, li tiddeterjora dawn l-aspetti matul in-negozjati tagħha max-xandara, it-tieni, kif, fid-dawl b'mod partikolari tal-importanza tagħhom, dan seta' jkollu l-effett li jostakola b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq tax-xiri mill-ġdid tas-sinjali tat-televiżjoni u, it-tielet, kif tali deterjorament probabbli ta' dawn il-funzjonalitajiet kien ikun speċifiku għall-konċentrazzjoni, bil-konsegwenza li ma kienx neċessarju li jiġi impost impenn f'dan ir-rigward, u dan jippermetti li tiġi miċħuda din l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

412 Fir-rigward, il-ħames, tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura ma pprekludiex lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni milli tirrendi inqas favorevoli, fir-rigward tax-xandara, kundizzjonijiet differenti minn dawn it-tariffi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti u l-intervenjenti jaqblu fuq il-fatt li n-negozjati bejn ix-xandara u l-pjattaformi tat-televiżjoni ma kinux limitati għall-flussi tad-dħul tax-xandara lejn l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, jiġifieri għat-tariffi ta' xiri lura, iżda kienu jkopru wkoll il-pagamenti marbuta mal-kontenut u mal-pagamenti skont il-kwalità teknika jew il-funzjonalitajiet u s-servizzi supplimentari, li kienu saru mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni favur ix-xandara.

413 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, qabelxejn, li, fil-premessa 1221 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li t-tariffi ta' xiri lura kienu direttament marbuta mat-trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni bil-kejbil u għalhekk kienu jidhru li kienu l-element prinċipali tal-fluss ta' ħlas li kien ser ikun affettwat mis-setgħa ikbar tas-suq tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni. Barra minn hekk, fil-premessa 1959 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni spjegat li, minkejja li l-iżvilupp reċenti tas-servizzi tat-televiżjoni b'valur miżjud ikkontribwixxa għal żieda fil-fluss tad-dħul mill-pjattaformi tat-televiżjoni lejn ix-xandara, it-tariffi ta' xiri mill-ġdid kienu għadhom jirrappreżentaw element finanzjarju rilevanti ħafna fir-relazzjoni kuntrattwali bejn ix-xandara mingħajr ħlas u l-pjattaformi tat-televiżjoni bil-kejbil. Il-Kummissjoni żiedet li ċerti elementi tal-proċess kienu jissuġġerixxu li l-effett tal-konċentrazzjoni fuq il-fluss ta' dħul tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fuq ix-xandara seta' jiġi limitat (ara t-taqsima VIII.C.2.11.3.9(ii) tad-deċiżjoni kkontestata), filwaqt li ebda element fil-proċess ma kien jissuġġerixxi li l-istess kien jgħodd għat-tariffi ta' xiri mill-ġdid (ara wkoll il-premessa 1261).

414 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest, tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-impenn li ma jiżdidux it-tariffi ta' xiri lura seta' jikkontrobilanċja r-riskju li l-portata u l-kwalità tal-offerta televiżiva lill-klijenti bl-imnut jitnaqqsu, minħabba aggravazzjoni sinjifikattiva tal-kundizzjonijiet kuntrattwali imposti mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fuq ix-xandara mingħajr ħlas.

415 Sussegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet fondata tieħu inkunsiderazzjoni n-natura komplementari tal-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura u tal-impenn OTT, minħabba li l-ewwel wieħed kien jirrigwarda direttament ir-relazzjoni finanzjarja bejn l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni u x-xandara inkwistjoni f'dak li kien jirrigwarda l-offerti tat-televiżjoni tradizzjonali u lineari u li t-tieni jkollu effett fuq il-provvista ta' servizzi addizzjonali.

416 Barra minn hekk, matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni sostniet, mingħajr ma ġiet ikkontestata mir-rikorrenti, li jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni żżid pagamenti kunsiderevoli minbarra t-tariffi ta' xiri lura, dan ikun jikkostitwixxi evitar tal-impenji faċilment identifikabbli.

417 Fl-aħħar nett, anki jekk jitqies li l-allegazzjoni tagħha dwar l-evitar tal-impenji tapplika wkoll għat-televiżjoni bi ħlas, ir-rikorrenti lanqas ma pproduċiet provi sabiex tikkontradixxi l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li, f'dak li kien jirrigwarda l-istazzjonijiet tat-televiżjoni bi ħlas, kull aġir bħal dak li hija ddeskriviet imur kontra l-impenn OTT.

418 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma hijiex f'pożizzjoni li turi li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta aċċettat l-impenn OTT, l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura u l-impenn HBBTV, bil-konsegwenza li dan l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

419 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-preżentazzjoni tard tal-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura u l-irregolarità proċedurali li rriżultat, għaldaqstant, mill-aċċettazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li mill-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 802/2004, li għalih tagħmel riferiment ir-rikorrenti, jirriżulta li l-impenji proposti mill-impriżi kkonċernati konformement mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni f'terminu ta' 65 jum ta' xogħol mid-data ta' bidu tal-proċedura. Meta t-terminu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jiġi estiż, il-perijodu ta' 65 jum ta' xogħol ikun awtomatikament estiż b'numru identiku ta' jiem ta' xogħol.

420 Barra minn hekk, mill-punt 94 tal-Avviż dwar ir-Rimedji jsegwi li, meta l-partijiet ibiddlu l-impenji proposti wara t-terminu ta' 65 jum ta' xogħol, il-Kummissjoni għandha taċċetta dawn l-impenji mibdula biss meta tkun tista' tistabbilixxi biċ-ċar - abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni diġà miksuba fil-kuntest tal-investigazzjoni, b'mod partikolari r-riżultati tal-konsultazzjoni preċedenti mal-atturi tas-suq u mingħajr il-ħtieġa għal kwalunkwe konsultazzjoni oħra tal-istess tip - li, ladarba implimentati, tali impenji jsolvu kompletament, billi jneħħu kwalunkwe ambigwità, il-problemi ta' kompetizzjoni kkonstatati, u bil-kundizzjoni li jkollha biżżejjed ħin sabiex twettaq analiżi adegwata u sabiex tikkonsulta l-Istati Membri b'mod xieraq. Barra minn hekk, min-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 107 ta' dan l-avviż, li tirreferi għall-punt 94 tiegħu, isegwi li l-konsultazzjoni tal-Istati Membri normalment tippreżupponi li l-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tindirizza lil dawn tal-aħħar abbozz ta' deċiżjoni finali li tinkludi evalwazzjoni tal-impenji emendati mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv mal-Istati Membri.

421 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza kkunsidrat li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kienu kumulattivi u ppreċiżathom, fis-sens li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-impenji ppreżentati tard mill-partijiet f'konċentrazzjoni nnotifikata, l-ewwel, jekk dawn isolvu b'mod ċar u mingħajr bżonn ta' investigazzjoni addizzjonali l-problemi ta' kompetizzjoni

identifikati minn qabel u, it-tieni, jekk jeżisti biżżejjed żmien sabiex jiġu kkonsultati l-Istati Membri dwar dawn l-impenji (ara s-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Ryanair vs Il-Kummissjoni, T-342/07, EU:T:2010:280, punt 455 u l-ġurisprudenza ċċitata).

422 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma ssodisfatti.

423 Fir-rigward, l-ewwel, tal-ewwel kundizzjoni, mill-punti 398 sa 418 iktar 'il fuq isegwi li l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq in-natura insuffiċjenti tal-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura ġew miċħuda. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li r-rikorrenti ma wrietx li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi b'mod ċar — abbażi tal-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni diġà miksuba fil-kuntest tal-investigazzjoni, b'mod partikolari mir-riżultati tal-konsultazzjoni preċedenti tal-atturi tas-suq — li, ladarba implimentat, l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura kien isolvi b'mod ċar u mingħajr bżonn ta' investigazzjoni addizzjonali l-problemi ta' kompetizzjoni identifikati minn qabel.

424 It-tieni, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, għandu jiġi rrilevat li mill-premessi 25 u 26 tad-deċiżjoni kkontestata jsegwi li l-parti li nnotifikat il-konċentrazzjoni ppreżentat abbozz rivedut ta' impenji fil-11 ta' Ġunju 2019 u li l-kumitat konsultattiv iddiskuta l-abbozz tad-deċiżjoni u ħareġ opinjoni favorevoli fit-28 ta' Ġunju. Minn dan jirriżulta li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet fil-fatt f'pożizzjoni li tindirizza lill-Istati Membri abbozz ta' deċiżjoni finali li jinkludi evalwazzjoni tal-impenji emendati mill-inqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv, aspett li r-rikorrenti ma tikkontestax u, għaldaqstant, li hija bbenefikat minn żmien suffiċjenti sabiex tikkonsulta lill-Istati Membri dwar l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura.

425 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet tieħu inkunsiderazzjoni l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura minkejja l-preżentazzjoni tard tiegħu, bil-konsegwenza li l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq allegata irregolarità proċedurali għandu jiġi miċħud, bl-istess mod bħat-tieni parti ta' dan il-motiv.

426 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Tele Columbus AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

van der Woude da Silva Passos Reine

Truchot Sampol Pucurull

Mogħtija f'seduta pubblika fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Novembru 2024.

Firem